# Edwardu Farina (1851-1914)

Minn Grazio A. Grech

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-110 anniversarju mindu fil-Ħamrun twaqqfet il-Banda San Gejtanu li l-fundatur-direttur-kompożitur tagħha kien EDUARDO FARINA (1851-1914)

Minn Grazio A. Grech

Surmast ta' nisel Taljan, iżda mwieled f'Malta, li kellu konnessjoni ma' Għawdex, kien Mro Eduardu Farina. Imwieled il-Furjana fl-1851, bin Anton, negozjant minn Capua fl-Italja, u Rosa mwielda Botestin. Mill-att tal-fondazzjoni tal-Banda Nazzjonali La Vallette tal-Belt Valletta, datat 10 ta' Diċembru, 1874, tan-nutar Ġiovanni Pullicino, nafu li Edwardu Farina kien wieħed minn dawk is-soċi, li riedu jitħarrġu fil-mużika taħt is-Surmast Luigi Carabott jew ibnu, Ċensu. Huwa tħarreġ ukoll taħt is-surmastrijiet Taljani, Michele Deferraris u Stanislao Favi.

Is-Surmast Farina kien organista, kompożitur, Maestro di Cappella, kif ukoll surmast-direttur ta' diversi baned. Bħala Maestro di Cappella nsibuh imexxi l-mużika tal-knejjes fil-Ħamrun, il-Floriana, fl-Imsida, tas-Sliema, il-Mellieħa u fix-Xagħra, Għawdex.

Fis-sena 1889 meta fil-Ħamrun ingħata bidu għat-tagħlim tal-allievi u t-twaqqif tal-Banda San Ġużepp, insibu lil Mro Farina jgħallem lill-allievi ta' din il-Banda ġdida. Fil-Ħamrun niltaqgħu wkoll mas-surmast E. Farina bħala fundatur u l-ewwel surmast-direttur tal-Banda San Gejtanu li twaqqfet fis-sena 1893. Ta' min jgħid li s-surmast Farina wettaq l-ewwel programm mużikali bil-Banda San Gejtanu, wara biss ħames xhur li waqqaf din il-Banda, jiġifieri f'Jannar 1894. Huwa kien ukoll imdaħħal fit-twaqqif ta' għaqda mużikali oħra, din id-darba fis-sena 1887 fl-Imqabba.

Minn diversi reklami li dehru fuq ġurnali lokali tas-snin 1880 nafu li s-surmast Farina kellu, fil-Belt Valletta, stabbiliment mużikali li minnu kien ibiegħ dak kollu konness ma' l-arti mużikali.

Iżda, għall-aħħar tas-snin 1890, huwa ħalla Malta u ssetilja għal xi żmien fix-Xagħra, Għawdex. Infatti, kienu żewġ bandisti tal-Banda Leone tal-Belt Victoria, li wasslu u ntroduċew lis-surmast Farina man-nies tax-Xagħra. Kemm dam Għawdex, Mro E. Farina kien jieħu sehem mhux biss bil-Mużika tiegħu fil-festi nterni fil-Parroċċa tax-Xagħra, imma wkoll għallem l-allievi u kien inħatar l-ewwel surmast-direttur tal-Banda La Vittoria li twaqqfet fix-Xagħra fl-1898. L-ewwel dehra fil-pubbliku ta' din il-Banda kienet fil-purċissjoni ta' San Ġużepp tas-sena 1899.

Is-Surmast E. Farina kkompona wkoll bċejjeċ mużikali. Fost dawn insibu Innu ad unur San Gejtanu li ndaqq fl-ewwel programm li esegwiet il-Banda San Gejtanu f'Jannar tas-sena 1894, għall-festa ta' San Pawl. Insibu wkoll l-Galop, Good Night, il-Waltz, Le Maschere, is-sinfonija, Savoja, u biċċtejn mużika bl-isem ta' Homenagen u Un Saluto, li huma arkivjati fl-arkivju mużikali tal-Banda Leone tal-Belt Victoria. Huwa kkompona wkoll mużika sagra, fosthom Tantum Ergo.

Mro Edwardu Farina kien iżżewweġ lil Maria Anna Bonnici fis-sena 1867 u kellhom tliet ulied, Luigi, Carmela u Ċeċilja, li kollha mietu ta' età żgħira. Huwa miet nhar it-12 ta' Diċembru, 1914, f'Birkirkara.

Referenzi: Kitbiet pubblikat minn Horace Muscat fil-Programm Annwali maħruġ mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu għall-okkażjoni tal-Festa, u minn sorsi oħra.

Nota: Fis-Sala tat-Tazzi, wieħed jista' jsib Plakka bid-dettalji kollha fuq is-Soċjetà Filarmonika San Gejtanu li l-fundatur-direttur-kompożitur tagħna kien Mro. Eduardo Farina, biex jibqa' mfakkar għeluq il-mitt sena meta din il-Banda għamlet xi ħaġa li qatt ma saret qbael fil-Ħamrun meta daqqet għall-ewwel darba fil-

UNIVERSAL LIBRARY

752, ST. JOSEPH HIGH STREET,
HAMRUN - Tel: 21 225745

The best for

Hardbacks
Paperbacks
Gift Books
Calculators
Greeting Cards
Magazines




TA' VALLETTA

Importers & Wholesalers
Statwi u Bambini ta' Spanja
"SPANISH PRESTIGE"

kif ukoll bozzoz tal-ħġieġ
ta' kull qies għal statwi u ganutill

*Issibu wkoll:*

stationery, cards, soft toys, carnival items, gifts,
pots & flowers, household goods,
religious items, christmas items,
Affarijiet bil-50ċ u Lm1.00



222a High Street, Ħamrun
(no connection with any other firm)
Tel: 21 239157, 21 225902,
21 223593, 21 583319
Fax: 21 224488
Mob: 9942 1683, 7923 9157
E-mail: cedric@keyworld.net
www.spanishprestige.com